MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 79/1998/1

L-Avukat Dottor Alfred Grech

vs

L-Avukat Dottor Mario Scerri fil-kwalita' tieghu ta' prokuratur u ghan-nom ta'l-imsiefra Valerie mart l-istess Avukat Dottor Alfred Grech

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ppremetta: :

Illi l-konvenut izzewweg lill-konvenuta nomine fid-dsatax (19) ta' April tal-elf disa mija u tmenin (1980) u miz-zwieg taghhom kellhom tifel uniku bl-isem Robert li twieled fit-tlieta ta' Jannar elf disa mija u disghin (1990);

Ili l-hajja matrimonjali ta' bejniethom m'ghadhiex iktar possibbli u dan minhabba sevizzi, mohqrija, glied, abbandun da parti tal-konvenuta nomine u ghar-ragunijiet ohra kif jigi dettaljatament ippruvat fil-kors tal-kawza;

Illi nhar l-erbatax (14) ta' Frar elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) il-konvenut nomine abbandunat id-dar matrimonjali, harget b'mod illegali minn dawn il-Gzejjer u minkejja mandat ta' impediment tas-safar hadet maghha lill-minuri msemmi sabiex b'hekk nehhiet lill-istess minuri mill-gurisdizzjoni ta' din l-Qorti;
Illi l-attur irid li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejnu u bejn martu, jinghataw provvedimenti dwar il-kustodja tal-minuri u tigi xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti;

Talab, ghaliex il-Qorti m'ghandhiex:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija u ghar-ragunijiet l-ohra li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

2. konsegwentement tiddikjara li l-konvenut nomine ddekadiet mid-drittijiet taghha kif kontemplati fl-artikoli tmienja u erbghin (48) sa wiehed u hamsin (51) tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-kontendenti;

4. tillikwida l-istess komunjoni u tiddividiha skond il-ligi, dejjem salv dak li ntalab fuq bil-komminazzjonijiet applikabbli fil-konfront tal-konvenut nomine skond il-ligi;

5. tordna li l-kustodja tal-minuri tigi fdata lill-attur;

6. tawtorizza lill-attur sabiex jibqa' jghix fid-dar matrimonjali bl-isem 'The Plough' fi Triq il-Wileg, San Lawrenz, Ghawdex, ad eskluzjoni tal-konvenuta nomine;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri quddiem din il-Qorti fil-kompetenza taghha bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni

Volontarja, tal-Mandat ta’ Impediment tas-Safar fl-ismijiet “Dr Alfred Grech vs Valerie Grech”;

Il-konvenut nomine mharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa hu ingunt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu annessa l-lista tax-xhieda.

Ezaminat il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Din hija kawza ta’ separazzjoni personali minn zwieg bejn il-kontendenti celebrat fid-19 ta’ April, 1980, fil-gzira ta’ Ghawdex.

Mill-atti jirrizulta:

- li l-konvenuta, kif rapprezentata, minn imkien mill-atti ma tirrizulta li pprezentat nota ta’ eccezzjonijiet b’daqstant li baqghet kontumacja li pero’ ma jfissirx necessarjament li t-talbiet ta’ l-attur ghandhom jigu milqugha stante illi jibqa’ dejjem oneru fuqu li jiggustifika t-talbiet tieghu;

- li f’kull kaz l-provi esebiti ftit jitfghu dawl fuq il-hajja mizzewga tal-kontendenti u jiccentraw kwazi interament fuq l-uniku binhom fiz-zwieg;

- li nghad dan jirrizulta li l-partijiet waslu f’arrangament bonarju fil-mori tal-kawza kif rizultanti mill-verbal tal-10 ta’ Novembru 2004 fejn jinsab verbalizzat dan il-fatt u fejn huma ddikjaraw li “ghalhekk l-ewwel erba’ talbiet huma sorvolati u jonqos biss il-hames talba”;

- li folio 105 hemm l-abboz tal-ftehim bonarju li l-Qorti, fin-nuqqas ta’ informazzjoni kuntrarja, tifhem li huwa dak il-ftehim raggunt bejn il-partijiet li bih qablu fuq d-divizjoni tal-beni tal-kommunjoni ta’ l-akkwisti u fejn il-fatt tal-kustodja li tolqot il-hames talba ma jissemmix.

- li d-dar matrimonjali jirrizulta mill-istess abbozz li giet assenjata lill-attur u saret proprjeta' esklussiva tieghu;

Illi premess dan kollu l-Qorti ser tghaddi sabiex issa titratta u tiddeciedi dwar din il-hames talba li ghadha pendenti, wkoll is-sitt talba. Jirrizulta f'dan il-kuntest li l-Qorti ta' Michigan ta' l-Istati Uniti fejn it-tifel ittiehed mill-konvenuta kienet halliet dan il-punt impregudikat pero' ordnat li t-tifel jigi ritornat lura Malta sabiex, okkorrendo, dan il-punt jigi trattat u deciz. Issa mill-atti, jirrizulta wisq car, li kull parti kellha ghal qalbha l-interess tal-minuri, kif ukoll jirrizulta li l-attur, bi spejjez u sagrificcji kbar, kien indott jissielet sabiex l-ordnijiet ta' din il-Qorti qua Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja jigu mhux biss rispettati izda wkoll attwati. Il-pendenzi li fadal illum izda ma jidhrux li huma difficli jew ikkumplikati stante li din il-Qorti wara li kellmet lit-tifel, li ghandu hmistax-il sena skorruti u ghalhekk u kif din il-Qorti stess setghet tikkonstata 'ictu oculi', jippossjedi wkoll dik il-maturita' li jaf x'jrid u kapaci jiddeciedi minn rajh, issib illi l-ahjar soluzzjoni, fil-fehma taghha, hi li fil-waqt li tikkonferma li tafda l-kura u l-kustodja tat-tifel f'idejn l-attur, missieru, ghal dak li jikkoncerna l-access tal-konvenuta ghall-minuri thallieh a libera xelta u diskrezzjoni ta' l-istess minuri. Dwar is-sitt talba u stante l-assenjazzjoni ta' l-immobbli lill-attur hi tal-fehma li ghandha tilqaghha molto' piu meta jirrizulta fic-car li l-konvenuta stabbilit ruhha u intenzjonata tibqa' fil-pajjiz ta' provenjenza taghha.

Illi f'dan is-sens qeghdha ghaldaqstant tiddisponi u tiddeciedi dwar l-hames u s-sitt talba u tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta' l-ewwel erba' talbiet. Dwar spejjez, fic-cirkostanzi, tordna li jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------